MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Numru 1129/2014

**Pulizija**

**Spettur Edel Marie Camilleri**

**Vs**

**Simon Paul Micallef**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Simon Paul Micallef ta' 38 sena, bin Mario u Doris nee' Debattista, mwieled Pieta' fil- 5 ta' Settembru 1975, residenti f' 98, Joanne Marie, Flat 4, Triq l-Mdina, Naxxar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 457375M;

Talli;

1) Fl- 1 u 2 ta' Lulju 2014, fix- xhur ta' qabel f' Tas- Sliema, Malta u bnadi ohra f' dawn il- Gzejjer, impjega jwe ta xoghol lil persuna li ma kinx/kinitx persuna ezenti u li ma kellix licenzja moghtija lilha ghal dak l- impjieg jew xoghol skont id- disposizzjonijiet tal- Kap 217 tal- Ligijiet ta' Malta;
2) Ukoll talli taht l- istess cirkostanzi, bhala persuna responsabbli li kien qed isir gewwa fond f' Tas- Silema u nhawi ohra f' Malta, impjega persuna li ma kinitx cittadin ta' Malta meta din il- persuna ma kellix permess validu u ufficjali;
3) Aktar talli fl- istess cirkostanzi bhala principal jew persuna li timpjega persuni ohra full time, part time jew xort' ohra b' kuntratt definit jew indefinite jew bi prova, naqas li jinnotifika lill- Korporazzjoni tax- Xogohl u Tahrig b' dan l- impjieg kif hemm stabbilit fl- Avviz Legali 110 tas- sena 1993;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-ewwel imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Rat illi l-imputazzjonijiet l-ohra huma komprizi u involuti f'xulxin, u ghalhekk il-Qorti setghet taghti piena wahda li kienet tassorbi l-imputazzjonijiet kollha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat ir-Regolament 5 tal-Avviz Legali 432/2011 (LS217.14) tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni tat- tieni (2) u t- tielet (3) akkuzi, il-Qori ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' elf, mija u hamsa u sittin ewro (€1,165).

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------